**EŻAMI ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR - 2003**

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISEM :** ____________________________ **KLASSI:** ___________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 22 | 4 | 7 | 7 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**Kummenti**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***

## L-Enerġija mix-Xemx



Il-provvista ta' żejt li nimpurtaw mill-pajjiżi barranin biex jitħaddmu l-*power stations* għall-provvista ta' enerġija elettrika hija limitata u xi darba, aħna jew il-ġenerazzjonijiet ta' warajna, irridu niffaċċjaw il-problema ta' x'ser nagħmlu meta nsibu ruħna f'sitwazzjoni fejn il-provvista ta' żejt tispiċċa. *(par. 1)*

B'xorti tajba, m'hemm l-ebda periklu li d-dinja ser tispiċċalha l-enerġija, minħabba l-ammonti kbar li tirċievi kuljum mix-xemx. Għalhekk wasal iż-żmien li nibdew naħsbu fuq kif ser nibdew nagħmlu użu aktar effiċjenti minn dan l-ammont kbir ta' enerġija mix-xemx li nirċievu kuljum. *(par. 2)*

Is-sorsi ta' enerġija li qed jintużaw, jiġifieri ż-żejt u l-faħam, minbarra li fi ftit snin oħra jispiċċaw, l-effett ta' l-użu tagħhom qed ikollu konsegwenzi negattivi ħafna. Meta jinħaraq iż-żejt jew il-faħam, jintrema dak li jissejjaħ *Carbon Dioxide*. Meta jkun hemm ħafna minnu fl-atmosfera, ifisser li l-klima tad-dinja tkompli dejjem tisħon, bir-riżultat li l-livell tal-baħar qiegħed dejjem jogħla u ħafna postijiet madwar id-dinja jkunu fir-riskju li jispiċċaw taħt l-ilma. *(par. 3)*

Mhux l-ewwel darba li xi tanker taż-żejt joħroġ żejt minn ġo fih u jagħmel diżastru enormi fejn jaqa' dan iż-żejt għax joqtol il-ħajja kollha li tkun tinsab f'dawk l-inħawi li jiġu kkontaminati biż-żejt. B'riżultat tat-tniġġis mill-użu taż-żejt u tal-faħam, f'pajjiżi Ewropej hemm dik l-hekk imsejħa xita aċiduża. Tant hi aċiduża din ix-xita li tagħmel ħafna ħsara fil-bini u monumenti. Fil-fatt, il-monumenti antiki tal-Greċja ddeterjoraw aktar f'dawn l-aħħar 25 sena milli għamlu fl-elfejn u erba' mitt sena ta' qabel. Irid jissemma wkoll il-mard li huwa riżultat tat-tniġġis li jiġi mill-użu taż-żejt u l-faħam. L-iktar li huma affettwati minn dan it-tniġġis huma dawk li jbatu bl-*asthma,* allerġiji, *bronchitis* u mard tal-qalb. Ir-riskju tal-kanċer tal-pulmun jiżdied ukoll f'ambjent fejn hemm ħafna tniġġis. *(par.4)*

Jistgħu jittieħdu miżuri biex tkun iffrankata l-ħela ta' dawn is-sorsi limitati ta' enerġija, kif ukoll biex jitnaqqas mill-effett negattiv tagħhom, jiġifieri t-tniġġis. Bħala eżempju, użu aktar ta' karozzi żgħar li jaħlu u jħammġu anqas, użu aktar ta' karozzi tal-linja u ta' sistemi oħra li jnaqqsu t-traffiku mit-toroq ikun diġa' kontribut importanti f'din id-direzzjoni. *(par.5)*

(Addattament minn kitba ta' Samuel Dalli f'***Sagħtar***, ħarġa ta' Ott. 1998)

| A. FEHIM IT-TEST | (*10 marki*) |
|---|---|

1. Liema problema għandha tħassibna? (par.1)

_______________________________________________ **(marka)**

2. X'alternattiva jista' jkun hemm għall-enerġija miż-żejt u faħam? (par.2)

_______________________________________________ **(marka)**

3. Liema kliem minn paragrafu 2 juri li l-awtur iqis din l-alternattiva bħala waħda urġenti? _______________________________________________ **(marka)**

4. X'effetti negattivi jħalli l-ħruq ta' żejt u faħam? (par.3)_______________________

_______________________________________________

_______________________________________________ **(2 marki)**

5. Fisser x'jista' jhedded il-ħajja marina. (par.4)_______________________

_______________________________________________ **(marka)**

6. X'qiegħed jikkaġuna ħsara kbira fil-wirt arkitettoniku? (par.4)

_______________________________________________ **(marka)**

7. Min huma l-ikbar vittmi tat-tniġġis mill-użu ta' l-enerġija miż-żejt u faħam? (par.4)

_______________________________________________ **(marka)**

8. Semmi żewġ suġġerimenti li jagħmel l-awtur biex jitrażżan it-tniġġis. (par. 5)

_______________________________________________

_______________________________________________ **(2 marki)**

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (*22 marka*) |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1. Wieġeb kif mitlub: **(7 marki)**

(i) Il-plural miksur ta' *żejt*: _______________________________________________

(ii) Il-parteċipju passiv (passat) femminil minn *nimpurtaw*. _______________________

(iii) Il-5 forma ta' *tisħon*.____________________________________________

(iv) *jispiċċaw* ***taħt*** *l-ilma* (par.3): ***taħt*** hija aġġettiv jew avverb?_______________

(v) Il-konsonanti tal-għerq ta' *jissejjaħ*.____________________________________

(vi) Il-baħar *qiegħed* jogħla u l-arja _____________tisħon. (il-femminil ta' *qiegħed*)

(vii) *Joħroġ iż-żejt*. Ikteb il-parteċipju attiv minn *joħroġ:* _________________iż-żejt.

2. Sib mis-silta kif mitlub: **(4 marki)**

| | |
|---|---|
| i. verb dgħajjef minn paragrafu 1. | |
| ii. partiċella bil-pronom mehmuż minn paragrafu 3. | |
| iii. partiċella bl-artiklu mehmuż minn paragrafu 3. | |
| iv. verb fit-8 forma minn paragrafu 4. | |

## LESSIKU / VOKABULARJU

3. Ikteb omonima (kelma bl-istess ħoss, iżda b'tifsira differenti) għal *kollha*.

________________________________________________________ **(marka)**

4. Agħti kelma oħra bl-istess tifsira għal kull waħda minn dawn: **(2 marki)**

| | |
|---|---|
| *Provvista* (par.1): | *sitwazzjoni* (par.1): |

5. ***Mhux l-ewwel darba*** (par.4) tfisser: a) xi darba oħra___; b) kemm-il darba___;

ċ) it-tieni darba___. **(marka)**

## ANALIŻI TESTWALI

6. ...***mill-pajjiżi barranin*** (par.1). X'funzjoni grammatikali għandha l-ittra *n* fil-kelma *barranin*? ________________________________________ **(marka)**

7. Minn xiex hija msawra l-kelma *elfejn* (par.4)?: minn_______ u _______ **(marka)**

8. *...f'pajjiżi Ewropej **hemm** dik l-hekk imsejħa xita aċiduża.* Il-kelma ***hemm***

għandha l-funzjoni ta': a) partiċella___; b) avverb ___; ċ) verb___. **(marka)**

**SINTASSI**

9. Ikteb is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira: **(2 marki)**

*Mhux l-ewwel darba li xi tanker taż-żejt joħroġ żejt minn ġo fih.* ______________

________________________________________________________________

10. Ikteb fil-vuċi attiva: **(2 marki)**

*L-inħawi jiġu kkontaminati biż-żejt.*

________________________________________________________________

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI *(4 marki)*

**IDJOMI U QWIEL**

1. Kompli s-sentenza b'qawl addattat għat-tifsira: **(2 marki)**

Għandna nikkontrollaw it-tniġġis fl-ambjent biex inħarsu saħħitna qabel nimirdu u

jkun tard wisq għax *is-saħħa*___________________________________________

2. Fisser l-idjoma miktuba korsiv: **(2 marki)**

Is-Sur Ċens, l-arloġġar tar-raħal, kien ilu jgħid li l-bniedem għad jikseb l-enerġija mix-xemx. Illum, ix-xjenza tatu raġun, iżda fi żmienu għajruh li kien *joħlom bil-ftajjar.*

________________________________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(7 marki)*

**Agħżel waħda minn *a* u *b*:**

a) Stħajjel li int tmexxi l-programm tar-radju *Għandkom Aħbarhom?* Ċemplitlek Ewkarja (Jinqabad bid-Drogi) biex tirrakkonta dwar l-għajbien ta' bintha u titolbok l-għajnuna. Agħti 7 pariri x'tista' tagħmel iktar biex issib jew tikseb tagħrif dwar bintha, Ċinzja.

***JEW***

b) Il-Kunsill Lokali ddeċieda li jorganizza Jum Ħal Muxi. Bħala membru tas-sotto-kumitat, kont intervistat mir-radju tal-komunita'. Semmi 7 attivitajiet li ser torganizzaw biex tolqtu diversi gosti u tirriflettu l-ħajja tar-raħal.

- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________

| **E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI** | ***(7 marki)*** |
|---|---|

Ikteb 7 aspetti li laqtuk int u tagħmel tiftix għall-proġett *L-Oqsma tal-Għerf tal-Kultura Maltija.*

- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________
- ♦ ____________________

| **F. LETTERATURA** | ***(30 marka)*** |
|---|---|

**1. QAWSALLA:** ***L-Ambjent Naturali***

(i) F'*Ħitan Tas-Sejjieħ,* Marjanu Vella jagħmel ukoll kuntrast bejn is-saħħa tal-konkrit u l-fraġilita' tal-____________________ **(marka)**

(ii) Semmi xi aspetti li jinqeda bihom Rużar Briffa f'*Nofs In-Nhar Sajfi* biex joħloq sens ta' sħana u telqa. ____________________________________________

____________________________________________________________ **(3 marki)**

(iii) F'nofs il-ħruxija tal-Miżieb, Anton Buttigieg isib ukoll is-sbuħija. Fiex tikkonsisti din is-sbuħija? ____________________________________________

____________________________________________________________ **(3 marki)**

(iv) Għaliex Joe Friggieri f'*L-Għajn Fil-Misraħ* jgħid li "nixfet nixxiegħa" f'qalbu?

____________________________________________________________ **(marka)**

(v) *Int tgħaddi u titbissem. Tihieli*
*Dik l-għanja fis qabel tintemm. (Għajn Riħana ta'* Ġorġ Zammit*)*

X'figura tad-diskors hemm fil-kliem b'sing taħtu?_________________ **(marka)**

(vi) *Delimara* ta' Daniel Massa hija msawra minn: a) ottavi___; b) versi liberi___; ċ) poe-proża___. **(marka)**

(vii) Fi *Żjara lil Ġesu'*, il-vjaġġ fl-ambjent naturali jwassal lil Dun Karm għal vjaġġ spiritwali. Uri kemm dan hu minnu.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ **(4 marki)**

(viii) Agħżel waħda minn *Il-Moll* ta' Carmel Attard **jew** *Ħitan Tas-Sejjieħ* ta' Marjanu Vella **jew** *Iż-Żabra* ta' Victor Fenech u uri kif il-poeta jikkritika l-qerda ta' l-ambjent.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ **(4 marki)**

## 2. PROŻA/DRAMM

***Agħżel waħda minn a u b u ikteb mhux inqas minn 80 kelma fuq karta separata:***

a) ***L-Isqaq*** ta' Ġuże' Chetcuti jagħtina kwadri ta' l-ambjent uman u l-ħajja soċjali għall-bidu tas-seklu 19. Semmi xi aspetti tajbin u oħrajn koroh mill-ħajja fl-isqaq.

**(12-il marka)**

***JEW***

b) ***Satira*** tressqilna għadd ta' sitwazzjonijiet biex naraw kif il-bniedem ibati ħtija ta' l-inefficjenza, l-għażż u l-irresponsabilta' ta' ħaddieħor. Ikkummenta b'referenza għad-dramm.

**(12-il marka)**

## Ġ. KOMPONIMENT *(20 Marka)*

**Agħżel wieħed u ikteb madwar 350 kelma fuq karta separata:**

1. Ambjent nadif, poplu f'siktu u b'saħħtu. Taqbel?

2. Inżilt nogħdos -- rajt dinja ta' seħer.

3. Problemi li joħloq it-traffiku f'Malta.

4. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tgħix f'belt magħluqa għat-traffiku.

5. Il-postijiet ta' divertiment m'humiex dejjem ambjenti ideali għaż-żgħażagħ. Iddiskuti.

6. Bħala ġurnalista, x'rakkont tikteb fil-gazzetta tiegħek kieku kellek tara xi diżastru ambjentali bħal xi tanker li jinkalja f'maltemp, bowżer bid-*diesel* li jinqaleb fi triq ewlenija, jew xi ħruq li jseħħ fi blokk bini?